**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Ottubru 2017**

**Rik. Nru. 1048/16 JZM**

**Grant Limited (C56821)**

***kontra***

**Registru tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

**Illi l-kawza fl-ismijiet premessi tinsab differita ghal provvediment ghall-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2017 fid-9.00 a.m.**

**Illi fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2017, id-difensur tar-Registratur tal-Kumpanniji nforma l-Qorti illi l-pendenzi kollha li kellha l-kumpannija Grant Limited qabel thassar isimha mir-registru llum gew regolarizzati. U ghalhekk mhux qed jopponi li l-isem Grant Limited jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji.**

**Illi qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun illi jkun hemm korrezzjoni fl-occhio tal-kawza sabiex tigi assigurata r-regolarita` tal-procediment qabel**

**jinghata l-provvediment fil-31 ta` Otubru 2017 li sejjer jaghlaq il-kwistjoni.**

**Illi hemm bzonn ta` korrezzjoni fl-occhio kemm ghar-rigward ta` l-isem ta` min ippropona l-azzjoni odjerna kif ukoll fl-isem ta` min qieghed iwiegeb ghall-azzjoni.**

**Illi l-Art 173(1) tal-Kap 12 jaghti lill-Qorti s-setgha li taghmel bidliet jew korrezzjonijiet li ssib li jkunu mehtiega sabiex tkun assigurata r-regolarita` ta` l-procedura ta` kawza anke minghajr il-htiega li ssir talba mill-partijiet.**

**Illi l-ewwel korrezzjoni tirrigwarda min ippropona l-azzjoni ghaliex ghalkemm huwa evidenti li l-azzjoni odjerna kienet proposta minn dawk il-persuni li kienu membri u/jew diretturi ta` Grant Limited qabel thassar l-isem ta` din is-socjeta` thassar mir-registru (fatt mhux kontestat mill-intimat) fl-occhio ma kienx indikat l-isem ta` dawk il-persuni jew il-mandatarju taghhom izda kien indikat erroneament l-isem ta` Grant Limited meta l-isem ta` Grant Limited sal-lum ghadu mhassar mir-registru.**

**Illi dan huwa zball ta` forma mhux ta` sostanza li l-Qorti sejra tirrimedja ghalih skont is-setgha moghti lilha bl-Art 173(1) tal-Kap 12.**

**Illi t-tieni bidla tirrigwarda l-isem tal-intimat ghaliex l-isem korrett (kif jirrizulta anke mir-risposta u kif inhu l-kaz) huwa Registratur tal-Kumpanniji mhux Registru tal-Kumpanniji.**

**Illi anke dan huwa zball ta` forma mhux ta` sostanza li l-Qorti sejra tirrimedja ghalih skont is-setgha moghti lilha b-Art 173(1) tal-Kap 12.**

**Ghaldaqstant bl-applikazzjoni tal-Art 173(1) tal-Kap 12, qeghda :-**

**Fl-ewwel lok :-**

**Tordna korrezzjoni fl-isem tar-rikorrent fil-kawza tal-lum billi minflok *Grant Limited (C56821)* jigi jaqra *Av. Kathleen Zarb Adami (Karta ta` Identita` Maltija bin-numru 521375M) bhala mandatarja specjali ta` (a) Pavel F Streber (Karta ta` Identita` Franciza bin-numru***

***070975E001100 (b) Stephane Streber (Passaport Franciz bin-numru 10AX22258 u (c) Verena M Streber (Passaport Franciz bin-numru 07AP97168)* ; u**

**Fit-tieni lok :-**

**Tordna korrezzjoni fl-isem tal-intimat fil-kawza tal-lum billi minflok *Registru tal-Kumpaniji* jigi jaqra *Registratur tal-Kumpanniji.***

**Tordna l-komunika ta` dan id-digriet lill-Av. Dr. Kathleen Zarb Adami u lill-Av. Dr. Claudette Fenech.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**